***MANDAT TA' INIBIZZJONI***

***ART 873 (1) (2) TAL-KAP 12***

***FTEHIM KOLLETTIV***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Digriet tal-llum 23 ta' Lulju, 2001**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1678/01/RCP fl-ismijiet:-**

**James Pearsall u Tony Zarb rispettivament bhala President u Segretarju Generali tal-General Workers'**

**vs**

**Maurice Zarb Adami bhala Chairman tas-Socjeta` Maltacom plc u l-Maltacom plc**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' James Pearsall u Tony Zarb nomine a fol 1 tal-process fejn l-istess rikorrenti talbu l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati sabiex l-istess jigu mizmuma milli jaghtu promozzjonijiet, japprovaw, jirratifikaw jew jattwaw l-ghoti ta' promozzjonijiet, jew jikkomunikaw jew jippublikaw l-ghoti ta' promozzjonijiet lil numru ta' impjegati tas-socjeta' intimata, u senjatement lil Mario Mamo, Cristino Sant, Charles Vassallo, Vincent Bonanno u Josephine Agius u b'hekk l-imsemmija impjegati jinghataw skala ta' salarju ghola minn dik li jgawdu fil-present u dan abbuzivament bi vjolazzjoni tal-Ftehim Kollettiv iffirmat fl-24 ta' Awissu 2000 bejn is-socjeta' intimata u t-Taqsima Komunikazzjoni w Energija tal-General Workers Union, u dan anke ghaliex l-istess socjeta' rikorrenti tallega li b'tali promozzjonijiet qed jinkiser l-artikolu 3.1 tal-istess Ftehim Kollettiv ghaliex ma saritx sejha ghall-applikazzjonijiet mill-Kap tad-Dipartiment tal-Human Resources u ghalhekk giet injorata l-procedura pattwita bejn il-partijiet fl-istess ftehim.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-1 ta' Gunju 2001 fejn laqghet provizorjament it-talba u ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimati a fol 5 tal-process fejn l-istess intimati opponew ghat-talbiet tar-rikorrenti stante li sostnew:-

(1) Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti m'ghandhomx interess guridiku li jipproponu dan il-mandat ghax il-persuni li huma direttament koncernati u li talvolta jistghu ikunu direttament effetwati b'dawn il-promozzjonijiet huma l-haddiema individwali li qed jambixxu ghal tali promozzjonijiet.

(2) Illi Maurice Zarb Adami gie citat inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-mandat, ghax kien il-Bord tad-Diretturi li ta dawn il-*promotions* u mhux ic-Chairman tas-socjeta' u s-socjeta ma hemmx ghalfejn tkun rappresentata mic-Chairman sabiex tkun citata.

(3) Illi f'kull kaz ma jista' qatt jigi milqugh dan il-mandat ta' inibizzjoni, ghax l-azzjoni tas-socjeta' intimta li hu intiz li jinibixxi DIGA SARET u kienet kompjuta qabal ma intalab il-hrug tal-imsemmi mandat. Di fatti il-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' intimata iddecieda dwar dawn il-promozzjonijiet fil-laqgha tal-Bord li saret fid-29 ta' Mejju 2001 u din id-decizjoni giet komunikata lill-haddiema koncernati kollha ferm qabel id-data tal-hrug tal-mandat fl-1 ta' Gunju 2001.

(4) Ghalhekk konformament mal-gurisprudenza konstanti ta' dawn il-Qrati ma jistax jigi milqugh mandat ta' inibizzjoni biex izomm dak li jkun lahaq diga sar.

(5) Subordinatament, il-Bord kien pjenament in ordine meta iddecieda li jaghti il-promozjonijiet *de quo* kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-mandat u ghalhekk anki fil-mertu il-mandat, okkorendo, ghandu jigi michud.

(6) Salvi eccezzjonijiet ohra li jistghu jinghataw waqt it-trattazzjoni tal-mandat.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-4 ta' Gunju 2001 fejn wara li rat ir-rikors u rat ir-risposta, w ordnat in-notifika tar-risposta tad-difensur tal-kontro-parti, ordnat lill-intmat sabiex jesebixxi l-allegata decizjoni tad-29 ta' Mejju 2001 u n-notifika relattiva lill-haddiema, b'kopja lill-kontro-parti, u din permezz ta' nota fi zmien jumejn mid-data tal-istess Digriet, u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-20 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tal-20 ta' Gunju 2001 fejn Dr Marse Anne Farrugia ghall-intimat in sostenn tar-risposta taghha nru 3 esebiet d-dokument li gie mmarkat bhala Dokument MAF. Xehdu Maurice Zarb Adami, Stephen Muscat, John Saliba, Vincent Bonanno, Josephine Agius, Charles Vassallo, Mario Mamo, gie riprodott ix-xhud Stephen Muscat, u Christinu Sant. Is-socjeta` intimata ddikjarat li m'ghandiex aktar provi fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet. Il-kawza giet differita ghall-provi tar-rikorrent u finali trattazzjoni ghall-5 ta' Lulju 2001.

Rat il-verbal tal-5 ta' Lulju 2001 fejn xehdu Stephen Muscat u Lino Debono. Dr Aaron Mifsud Bonnici ghar-rikorrenti ddikjara li m'ghandux provi aktar. Id-difensuri trattaw il-kaz.

Ir-rikors baqa' differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-18 ta' Mejju 2001 kien gie deciz li jigi ufficjalment stabbilit *Users Liaison Centre* li kien beda diga joppera u li l-haddiema tieghu jigu *upgraded* (Dok. "SM3). Fil-fatt fid-29 ta' Mejju 2001 fuq memorandum ippresentat mic-Chairman innifsu (Dok. "SM 1"- fol.16) inhadet decizzjoni mill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' intimata (Dok. "MAF" - fol. 12) li jigi mwaqqaf *"Users Laison Centre"* bhala parti mill-*Maltacom's Customer Relations Set-up"* li jirraporta direttament lill-istess *chairman,* u l-ufficjali li kellhom jaghmlu parti mill-istess centru gew maghzula direttament mill-istess Bord, u fil-fatt gew maghzula is-sewgenti persuni, indikati *di piu'* fir-rikors tal-mandat ta' inibizzjoni tar-rikorrenti, sabiex jaghmlu parti mill-istess sezzjoni gdida tal-kumpanija, u ghalhekk inghataw promozzjonijiet ghas-segwenti persuni *"by direct appiontment"*.

(a) Josephine Agius li kienet Salary Scale 10 (Lm4,745) Lm4,997 x 126 = Lm5,501 giet delegata ghal *Officer in Charge* ghal Scale 3E b'paga ta' Lm9,000 x 250 li tilhaq Lm9,500 fi zmien sentejn, liema paga teskludi l-*Cost of*

*Living adjustment* moghti fl-1 ta' Jannar 2001 u bonuses statutorji, bla ebda dritt ghal *overtime.*

(b) Charles Vassallo li kien CSO Scale 9 (Lm4,958) Lm5,236 x 139 = Lm5,792 u Mario Mamo Assistent Head CSU Scale 6 (Lm5,199) Lm5,501 x 151 = Lm6,105 jiehdu l-grad ta' 3G b'paga ta' Lm7,800 x 200 = Lm8,200 bl-istess eskussjonijiet tal-*cost of living increase u statutory bonuses* u bla dritt ghall-*overtime.*

(c) Cristino Sant li kien *Senior Clerk* fuq Scale 13 (Lm4,148) Lm4,356 x 104 = Lm4,772 kellu *direct appointment* ghall-Grade 3H ghall-paga ta' Lm7,200 x 200 = Lm7,600 bl-istess kundizzjonijiet dwar *cost of living increase u statutory bonuses u overtime* ta' dawk appena imsemmija.

(d) Vince Bonanno li kien Scale 10 (Lm4,745) Lm4,997 x 126 = Lm5,501 b'*on call allowance* gie appuntat ghall-*Officer in Charge of the Stand-by Teams* ghall-Salary Scale 3E Lm9,000 x 250 = Lm9,500 bl-istess kondizzjonijiet dwar *cost of living increase u statutory bonuses* bhal l-impjegati l-ohra hawn indikati, pero' jibqa' jzomm l-*on call allowance* u *overtime benefits.*

Illi dan kollu jinsab konfermat mix-xhieda ta' **Stephen Muscat**, Kap Esekuttiv u Direttur tas-socjeta' intimata fix-xhieda tieghu tal-20 ta' Gunju 2001. Illi huwa sostna li din id-decizjoni giet ikkomunikata lill-istess impjegati

koncernati minn John Camilleri u John Saliba il-Group Director tal-*Human Resources and Administration* tant li fil-fatt skond l-istess xhud, l-istess impjegati gew assenjati fuq xogholhom ghalkemm *letter of appointment* ma hargitx pendenti l-istess procedura odjerna bhala sinjal ta' prudenza. Fil-fatt din l-ahbar giet rapportata fil-gazzetta *"L-Orizzont"* tal-1 ta' Gunju 2001 (Dok. "SM 2") wara intervista mieghu fil-31 ta' Mejju 2001. Illi irrizulta wkoll li l-pagi godda baqghu ma thallsux kemm ghaliex kienet ghadha ma ghalqitx id-data tal-paga li kien imiss fl-ahhar ta' Mejju 2001 u wkoll bhala prudenza minhabba l-pendenza ta' dawn il-proceduri.

Illi dan ukoll jinsab ikkonfermat mic-Chairman tas-socjeta' intimata **Maurice Zarb Adami** li kompla li l-aggustament tal-pagi tal-istess impjegati jkollu effett mid-data tal-istess promozzjoni u decizjoni tal-Bord u li dawn baqghu jaghmlu l-istess xoghol li kienu jaghmlu qabel l-istess *promotion.*

Illi fil-fatt **Christino Sant** sostna li kien ilu jaghmel dan ix-xoghol minn Marzu 2001 bhala *Senior Clerk* u illum lahaq *Assistant Principal*; **Mario Mamo** kien ilu mill-ahhar ta' Frar 2001 jiehu t-telefonati minghand il-klijenti fil-*Customer Care* u illum jissejjah *Assistent Head of Customer Services;* **Charles Vassallo** kien ilu minn Frar 2001 bhala *Administrative Customer Service Officer*; u **Josephine Agius** kien ilha minn Frar 2001 tiehu hsieb is-sezzjoni tal-*complaints* u llum hija l-*Head* tas-sezzjoni l-gdida *Users Laison Centre.*

Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' **Stephen Muscat** illi fl-24 t'Awissu 2000 kienet giet iffirmata mill-partijiet *side letter* (Dok SM 4) fejn sar qbil li "*ir-relattivita prezenti fis-salarji u kondizzjonijiet tax-xoghol tal-impjegati (Gradi minn Skala 4 l-isfel) kollha tal-kumpanija ghandha tigi mizmuma"*.

Illi fl-ahharnet mix-xhieda ta' **Lino Debono** ghan-nom tar-rikorrenti irrizulta wkoll li fil-21 ta' Mejju 1994 gie ffirmat ftehim bejn l-istess partijiet fejn sar qbil li "*Il-Korporazzjoni Telemalta b'sehh mill-lum 24 ta' Marzu 1994 tappunta persuni fid-diversi gradi li jezistu u li jistghu jinholqu permezz ta' sejhiet ghall-applikazzjonijiet, dan l-obbligu ma jghoddx ghall-karigi ta' General Manager jew ghola*", apparti li qablu li jitwaqfu zewg bordijiet biex jisimghu l-appelli dwar promozzjonijiet.

Illi sussegwentemet fit-28 ta' Mejju 1998 (Dok LD 1) sar ftehim iehor li abbazi tieghu u fuq dak li hemm kontenut fil-klawsola 1.3.2 tal-ftehim kollettiv tal-21 ta' Ottubru 1996 il-partijiet kellhom jifformaw kumitat sabiex jigi diskuss *the job evaluation and restructuring of grades* u gew definiti l-*manning levels* sa Mejju 1998 u l-*grades* u *nomenclatures* skond Appendix A anness ma l-istess ftehim.

Illi din il-Qorti l-ewwel ser tikkonsidra ir-raba' eccezzjoni tal-intimati fejn qed isostnu li l-intimati kienu in ordni meta ddecidew li jaghtu l-promozzjonijiet in kwistjoni u din il-Qorti thoss li *prima facie* dan ma giex ippruvat u dan peress li mill-ftehim kollettiv esebit bhala Dok 'A' jirrizulta li

l-vakanzi fil-gradi koperti mill-istess ftehim kellhom jimtlew *inter alia* wara li ssir sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-mili tal-istess vakanzi, u tenut kont tal-fatt li l-impjegati koncernati u ndikati fir-rikors promotorju kollha kienu jokkupaw skala jew grad ta' impjieg minn Grad 4 l-isfel, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li tali promozzjonijiet kienu koperti bl-istess ftehim kollettiv u ghalhekk is-socjeta` intimata kellha ssegwi l-procedura ndikata fl-artikolu 3.1 tal-istess ftehim kollettiv.

Illi dan huwa accentwat mill-fatt illi jirrizulta wkoll li s-socjeta` rikorrenti mhux ghall-ewwel darba qed tohloq diversi gradi u tikklassifikahom bhala gradi superjuri ghall-Grad 4 indikati fil-ftehim kollettiv u dan bl-iskop illi l-procedura stabbilita fl-istess ftehim kollettiv tigi b'hekk sorvolata. Dan huwa wkoll kontra l-ftehim milhuq bejn l-istess partijiet fil-21 ta' Marzu 1994 fejn gew ukoll specifikati l-gradi li ghalihom l-istess ftehim kollettiv kellu japplika ghalihom, u dan skond Appendix 'A' u Appendix 'B' annessi mal-istess ftehim, apparti l-gradi ndikati fl-istess ftehim kollettiv.

Illi dan qed jinghad ukoll fl-isfond ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 1.3.2 tal-ftehim kollettiv li abbazi tieghu gie miftiehem li jinhatar kumitat imwaqqaf bejn iz-zewg partijiet sabiex isegwi u jara li jinzamm in-numru ta' mpjegati f'kull grad hekk kif jigu miftiehma minn zmien ghall-iehor.

Illi fil-fatt jirrizulta illi l-impjegati li inghataw promozzjoni mertu tar-rikors odejrn, kollha kienu jokkupaw skali li jaqghu fil-parametri tal-istess ftehim kollettiv miftiehem bejn il-partijiet, tant li l-partijiet qablu li dawn kienu jokkupaw skali 8, 9, 10 u 13 rispettivament u bis-sahha tal-promozzjonijiet mertu tar-rikors odjern dawn illum qed jokkupaw il-gradi 3E, 3G u 3H.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li *inter alia* il-gradi tat-3E, 3G u 3H gew mahluqa sabiex jigu sorvolati l-kundizzjonijiet tal-ftehim kollettiv bejn il-partijiet u sabiex tigi evitata l-procedura ta' mili ta' vakanzi fid-diversi gradi hemm indikati u ghalhekk sabiex ma ssirx sejha ghall-applikazzjonijiet ta' mili ta' l-istess vakanzi, tant li meta wiehed jezamina l-iskali l-godda li dawn l-istess impjegati gew moghtija jidher li dawn ma jikkombaccjawx bhala *job description* ghall-grad 3 li huwa ta' livell manigerjali, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, x-xoghol li l-istess impjegati *de quo* kienu qed jaghmlu qabel u wara tali promozzjonijiet jaqa' taht il-gradi u skala ta' salarju indikati fl-istess ftehim kollettiv skond l-appendici 'B' tal-istess u wkoll taht l-appendici 'A' u 'B' tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet fit-28 ta' Mejju 1998.

Illi ghalhekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li b'tali promozzjonijiet diretti gie miksur il-ftehim kollettiv bejn il-partijiet u partikolarment il-klawsola 3.1 tal-istess, u ghalhekk din ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta` intimata ma tistax tigi milqugha.

Illi pero` dan ma jfissirx li r-rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni ghandu jigi milqugh u dan peress li rrizulta car ukoll li l-istess promozzjonijiet fil-fatt kienu nghataw fid-29 ta' Mejju 2001 kif jirrizulta minn estratt tal-minuti tal-Bord tad-Diretturi, Meeting Numru 57, li kopji taghhom gew esebiti bhala Dok MAF a fol 12 tal-process.

Illi dan iffisser li l-promozzjonijiet li s-socjeta` rikorrenti qed tipprova tinibixxi li jsiru fil-fatt kienu diga nghataw sahansitra qabel id-data tal-presentata tar-rikors odjern fl-1 ta' Gunju 2001.

Illi fil-fatt l-**artikolu 873 (1) u (2) tal-Kap 12** jipprovdi illi:

*"(1) L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor ikun li jkun, inkella, milli thott jew taghmel tibdil b'bini jew f'xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok, jew li taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titolob il-hrug tal-mandat.*

*(2) Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet."*

Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jirrizulta li l-iskop tal-istess procedura odjerna hija li l-Qorti twaqqaf xi haga milli

ssir li tista' tohloq pregudizzju ghar-rikorrenti u allura jsegwi li la darba jigi ppruvat li dik il-haga li qed tigi ttentata li tigi inibita milli ssir, fil-fatt tkun diga saret din il-procedura ma tkunx tista' tirnexxi ghax l-iskop taghha jkun gie vanifikat.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* din l-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-promozzjonijiet mertu tal-istess rikors gew fil-fatt moghtija fid-29 ta' Mejju 2001 u fil-fatt kellhom effett u gew ukoll komunikati verbalment qabel id-data tal-prezentata tar-rikors odjern fl-1 ta' Gunju 2001, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax twaqqaf li jsir, dak li jirrizulta li diga sar, b'dan li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` intimata tigi milqugha ghaliex tirrizulta definittivament ippruvata.

Illi fil-fatt jirrizulta li mit-trattazzjoni tal-istess rikors l-istess rikorrenti lanqas ikkontestaw li dawn il-promozzjonijiet kienu diga fil-fatt sehhu u, in verita lanqas setghu ir-rikorrenti jaghmlu, dan ghaliex jirrizulta wkoll li fil-gazzetta 'L-Orizzont' tal-1 ta' Gunju 2001 kien ippublikat artikolu bl-isem "***Inghataw promozzjonijiet diretti b'zieda ta' Lm13 kuljum***" fejn inghad illi: "*Is-Sur Stephen Muscat ikkonferma li l-Bord tad-Diretturi fl-ahhar laqgha tieghu approva l-promozzjoni ta' hames impjegati. Huwa kkonferma li dawn kienu promozzjonijiet diretti ... ...*".

Illi l-argumenti l-ohra tas-socjeta` rikorrenti dwar il-komunika u pubblikazzjoni tal-ghoti tal-istess promozzjonijiet fl-opinjoni ta' din l-Qorti m'ghandhom l-

ebda relevanza fuq din il-konkluzzjoni u dan peress li ma hemm l-ebda dubju li tali promozzjonijiet kellhom u ghandhom l-effett taghhom mid-data tal-approvazzjoni taghhom mill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` intimata, u dan apparti l-fatt illi l-azzjoni tar-rikorrenti kienet diretta ghall-ksur tal-artikolu 3.1 tal-ftehim kollettiv li jirregola biss il-mod kif issir is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post vakanti w id-dritt ta' appell tal-impjegati sussegwenti ghall-tali ghazla u mhux il-mod kif jigu ikkomunikati tali promozzjonijiet lill-impjegati koncernati. Illi sintendi dan kollu ma jbiddel xejn mill-fatt li l-istess promozzjonijiet gew komunikati lill-impjegati koncernati anke jekk verbalment.

Illi sabiex dan id-digriet ikun esawrjenti din il-Qorti thoss ukoll li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata m'ghandha ebda fondament guridiku stante illi jirrizulta li l-ftehim kollettiv gie effettivament iffirmat bejn il-partijiet (Union u s-socjeta`) f'dan ir-rikors u ghalhekk la darba is-socjeta` rikkorrenti kienet qed tallega ksur tal-istess ftehim kollettiv jirrizulta car li l-istess Union rikorrenti ghandha u kellha interess guridiku sabiex tippropondi din il-procedura u hawn issir referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti fir-rikors fl-ismijiet "**Malta Dairy Products Ltd vs General Workers Union**" – Rikors Nru. 3613/00/RCP – degretat 3 ta' Novembru 2000.

Illi fl-ahharnet it-tieni eccezzjoni ukoll ghandha tigi milqugha stante illi c-Chairman hemm indikat fil-kwalita` personali tieghu m'ghandu l-ebda *locus standi* f'dawn il-

proceduri stante li r-relazzjoni naxxenti mill-istess ftehim kollettiv tal-24 t'Awissu 2000 hija dik biss bejn il-Union rikorrenti u s-socjeta` intimata.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa t-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` intimata**, tichad it-talba tar-rikorrenti kontenuta fir-rikors taghhom tal-1 ta' Gunju 2001 stante li jirrizulta li l-promozzjonijiet mertu tar-rikors odjern fil-fatt kienu diga sehhu w inghataw qabel il-presentata tal-istess rikors fl-1 ta' Gunju 2001.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess Union rikorrenti.

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**23 ta' Lulju, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**23 ta' Lulju, 2001.**